**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 3 ta' Ottubru 2019**

Numru 9

**Rikors Nru. 51/2018**

**Alfred Degiorgio**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tal-1 ta' Novembru 2018 li jghid hekk:

Illi nhar il-5 ta' Dicembru, 2017 l-esponenti, flimkien ma' huh George Degiorgio u certu Vincent Muscat, gie imressaq quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja akkuiat b'diversi reati, fost liema, talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-16 ta' Ottubru, 2017 wara nofs in-nhar u fix-xhur ta' qabel din id-data dolozament bil-hsieb illi joqtol lill-persuna u cioe lil Daphne Caruana Galizia jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalha l-mewt;

Illi mis-smigh tal-provi matul il-proceduri imsemmija fil-paragrafu precedenti fl-atti tal-kumpilazzjoni bhalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) v. George Degiorgio et" irrizulta illi l-ufficjali investigattivi ma elevawx u ma analizzawx provi importani, fost liema izda mhux biss, il-laptop li kien jintuza minn Daphne Caruana Galizia;

Illi sahansitra dan kien mertu ta' rikors illi gie ipprezentat mill-Ispettur Keith Arnaud f'isem lintimat il-Kummissarju tal-Pulizija nhar it-23 ta' Ottubru, 2017 li testwalment jghid dan illi gej:

Illi mill-istess investigazzjoni qed jirrizulta li l-vittma kellha laptop kompjuter personali li hija kienet tuia sabiex topera l-blog imsemmi u ttella' r-rappurtaggi taghha online. Jirrizulta wkoll illi relatat max-xoghol taghha hija ghandha ukoll server li fih kienet izzomm back-up ta' hafna mill-informazzjoni relatata max-xoghol gurnalistiku taghha;
Illi minn informazzjoni addizzjonali u kunfidenzjali li waslet ghand il-Pulizija qed jirrizulta ukoll illi fil-laptop personali taghha, il-vittma seta' kellha l-aktar informazzjoni sensittiva relatata max-xoghol taghha, liema informazzjoni setghet ikkostitwiet mottiv ghall-omicidju taghha. Di piu, hija ma kinitx qeghdha iggorr dan il-laptop maghha fil-hin tal-ispluzjoni;
Illi din l-informazzjoni hija korroborata mall-fatt illi mill-investigazzjonijiet forensici preliminari li saru sa issa ma nsabu l-ebda tracci ta' laptop jew xi computer devices ohra, ghajr ghal mobile phone tal-marka Samsung, li instab fost il-fdalijiet tal-ispluzjoni fuq ixxena tad-delitt u li l-indikazzjonijiet qed juru li l-istess mobile phone huwa tal-istess vittma;
Illi sa issa jidher li l-familjari tal-vittma qed izommu lura lill-investigaturi, esperti tal-Qorti u sahansitra lis-Sinjurija Tieghek milli jiksbu access ghas-server imsemmi ghal kwalunkwe computer device iehor, partikolarment ghall-laptop tal-vittma li l-Pulizija ghandha informazzjoni li jinsabfil-pussess tal-istess familjari;
Illi l-esponenti huwa tal-fehma illi l-informazzjoni li jista' jkun hemm f'dan il-laptop, computer devices u anke s-server imsemmija hija indispensabbli ghal din l-investigazzjoni, fosthom minhabba r-raguni li jista' jkun fiha informazzjoni sensittiva dwar terzi persuni responsabbli wara dan id-delitt;
Ghaldaqstant, permezz ta' dan ir-rikors, l-esponent qieghed umilment jitlob lis-Sinjurija Tieghek sabiex fit-termini ta' inter alia, l-Artikoli 546, 548 u 551 tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta Malta, tiehu dawk il-mizuri kollha li s-Sinjorija Tieghek jidhrilha xierqa u opportuni sahiex l-imsemmija laptop, computer devices, server u kwalunkwe apparat u dokument iehor marbut max-xoghol gurnalistiku tal-vittma jigu elevati u/jew xorta ohra ipprizervati taht l-awtorita tieghek, sabiex eventwalment jigu analizzati taht id-direzzjoni, supervizjoni u salvagwardji tas-Sinjorija Tieghek, sabiex, filwaqt li materjal gurnalistikament sensittiv (fosthom l-identita ta’ sorsi) jinzamm kunfidenzjali u protett, kwalsijasi nformazzjoni li tista' titfa' dawl fuq il-motiv u sussegwentament il-persuna jew persuni li setghu kienu wara dan id-delitt, tigi investigata kif jixraq.

Illi tali rikors qatt ma gie degretat u l-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija ma ghamel xejn aktar fir-rigward u dana meta huwa obbligat bil-ligi illi jressaq il-provi kollha, huwa obbligat illi jibqa' jigbor il-provi anke wara li titressaq persuna akkuzata bir-reat u huwa ukoll obbligat li jizvela lil tali persuna akkuzata dawk il-provi kollha li jistghu jidhru jiffavorixxu lill-persuna akkuzata;

Illi tali obbligi johorgu, fost l-ohrajn, mill-artikolu 346 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid. fost affarijiet ohra, li huwa d-dmir tal-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija li jigbor il-provi, sew kontra sew favur il-persuna suspettata li tkun ghamlet reat u mill-artikolu 356 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid, fost affarijiet ohra, li huwa d-dmir tal-intimat Kummissarju talPulizija li jizvela lid-difiza dawk il-provi li jistghu jidhru jiffavorixxu lill-persuna akkuzata u li anke wara li titressaq persuna akkuzata b'reat, l-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jibqa' jigbor kull informazzjoni ohra dwar ir-reat;

Illi jidher illi l-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija ma ghamel xejn u ma qieghed jaghmel xejn minn dan kollu u dana bi pregudizzju gravi ghall-esponenti billi l-gbir tal-provi meqjusa essenzjali mill-ufficjal investigattiv stess jistghu iwasslu sabiex ikun

maghruf min seta' kien tassew responsabbli ghad-delitt li jinstab akkuzat bih l-esponenti u illi fir-rigward l-esponenti gia iddikjara matul il-prezentata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja illi ma huwiex hati;

Illi huwa ghalhekk evidenti li l-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija qieghed jonqos serjament milli josserva l-obbligi imposti fuqu wkoll espressament mil-ligi li jinvestiga u jigbor il-provi kollha relevanti;

Illi bl-istess mod l-intimat l-iehor l-Avukat Generali, li qieghed jiehu sehem attiv fl-atti tal-kumpilazzjoni bhalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja fl-ismijiet ”Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) v. George Degiorgio et”, ma huwa qieghed jaghmel xejn sabiex il-provi imressqa minnu u mill-intimat l-iehor il-Kummissarju tal-Pulizija jkunu shah u kompleti u mhux parzjali u selettivi;

Illi l-intimat l-Avukat Generali qieghed jigi citat bhala intimat ukoll u imharrek fil-vesti tieghu rapprezentattiva anke tal-organu gudizzjarju ossija l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti liema Qorti ma ghamlet xejn sabiex tigi mwettqa t-talba mressqa permezz tar-rikors illi gie ipprezentat lilha mill-lspettur Keith Arnaud f'isem l-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija nhar it-23 ta' Ottubru, 2017 hawn fuq imsemmi;

Illi inoltre sfortunatament l-intimati qeghdin jonqsu t-tnejn illi huma illi josservaw u illi jassiguraw l-osservanza ta' dak illi jiddisponi l-artikolu 355AD(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi stranament u sfortunatament jidher illi l-intimati jew min minnhom qeghdin ihallu lill-familjari ta' Daphne Caruana Galizia jiddettaw xi provi jingabru u illi provi tant essenzjali mehtiega fl-investigazzjoni jigu mohbija u ma jigux moghtija ghall-analizi mehtiega. Dan qieghed jinghad ukoll fid-dawl tal-fatt illi gie rappurtat illi oht Daphne Caruana Galizia stqarret pubblikament illi l-laptop jinstab ghandha u mhijiex ser tghaddih lill-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija u illi wiehed minn ulied Daphne Caruana Galizia iddikjara pubblikament illi I would burn my mother's laptop in front of the police, if I knew where it was;

Illi recentament dan kollu kien suggett ta' intervent parlamentari mill-Onorevoli Avukat Robert Abela li esprima t-thassib tieghu dwar kif prova krucjali tista' tibqa' tinzamm lura milli tinghata lill-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija u dana senjatament fejn stqarr dan illi gej: U Sur President jien nerga' nkompli fuq kif hawn min li suppost qieghed fuq in-naha li tohrog il-verita, li f'dan il-kaz irid li ma tohrogx il-verita. Jiena nsaqsi kif l-Onorevoli Azzopardi bhala avukat difensur tal-familjari, familjari tal-vittma li suppost ghandi nifhem li ghandhom l-interess illi isir maghruf jekk dawk it-tlett akkuzati humiex hatja, jekk kienx hemm haddiehor involut, u kif allura jibqghu jahbu prova essenzjali, prova kardinali insejhilha jien f'dan il-kaz. Tista' tkun kardinali, tista' ma tkunx, imma li teskludiha a priori din il-prova u hawnhekk qieghed nirreferi ghal-laptop ghal laptop tas-sinjura Caruana Galizia, kif qed tippermetti li dan il-laptop jibqa' mistur? […] u anke d-domanda lill-Magistrat Inkwerenti kif inti ghadek sallum ma ezercitajtx is-setghat tieghek u tordna li l-laptop jingieb ghandek? Kif isir f'kull kaz iehor. Jien mhix nghid xejn ta' barra minn hawn, ma qed nghid li ghandu jsir xejn differenti, qed nghid li ghandu jsir li jsir f'kull kaz iehor li provi essenzjali ghall-investigazzjoni ma jinhbewx, ma jibqghux mistura […];

Illi bil-fatt suesposti inkluz billi l-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija qieghed jonqos milli josserva l-obbligi imposti fuqu espressament bil-ligi, bil-fatt ukoll illi l-istess intimat il-Kummissarju tal-Pulizija ma huwiex qieghed jinvestiga b'mod shih, bil-fatt illi l-intimati l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali qeghdin jippermettu illi provi kif hawn fuq imsemmija jibqghu f'idejn il-familjari ta' Daphne Caruana Galizia li jistghu jalterawhom jew sahansitra jiddistrugguhom minflok ma jigu prezervati, bil-fatt ulterjuri illi bhala konsegwenza l-provi imressqa mill-intimati l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali huma parzjali u selettivi u bil-konsegwenza illi provi essenzjali li jistghu iwasslu sabiex ikun maghruf min seta' kien tassew responsabbli mid-delitt li jinstab akkuzat bih l-esponenti u ghalhekk favorevoli ghalih qeghdin jinzammu mohbija u mistura u l-intimati qeghdin jippermettu li jsir dan qieghed jigi lez u ser ikompli jigi lez il-jedd ghal smigh xieraq tal-esponenti kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi minkejja illi l-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija gie interpellat permezz ta' protest gudizzjarju li ghandu n-numru: 123/2018 ipprezentat mill-esponenti kontra tieghu nhar it-18 ta' April, 2018 1-istess intimat baqa' ghal kollox passiv;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet u ghal ragunijiet ohra illi jigu spjegati u jirrizultaw matul it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponenti qieghed jirrikorri ghal rimedju minghand dina l-Onorabbli Qorti;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha:

(i) fl-ewwel lok, tiddikjara u tiddeciedi illi l-fatti suesposti jaghtu lok ghal-lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) fit-tieni lok, tiddikjara u tiddeciedi illi f'kull kaz, il-jedd fundamentali ghal smigh xieraq tal-esponenti, ser ikompli jew x'aktarx ser ikompli jigi miksur jekk kemm-il darba lintimati jippersistu fl-agir taghhom lamentat mill-esponenti fil-korp ta' dan ir-rikors;

(iii) konsegwentament taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti hekk kif garantiti taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u taht il-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u dana, fost affarijiet ohra, billi tordna illi l-intimati jiehdu dawk il-passi u dawk il-mizuri kollha mehtiega sabiex il-provi imsemmija fil-korp ta' dan ir-rikors — b'mod partikolari l-laptop, computer devices, server u kwalunkwe apparat u dokument iehor marbut max-xoghol gurnalistiku ta' Daphne Caruana Galizia - jigu elevati, jigu analizzati, jigu prezervati, jigu prodotti bi prova fl-atti tal-kumpilazzjoni bhalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) v. George Degiorgio et" u billi wkoll l-

intimat il-Kummissarju tal-Pulizija jkompli l-investigazzjonijiet tieghu skont ma jirrizultalu mill-analizi tal-istess provi;

(iv) tikkundanna lill-intimati ihallsu d-danni sofferti mill-esponenti;

BI-ispejjez kontra l-intimati.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali li tghid hekk:

Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija bbazata fuq allegat ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan stante li skont ir-rikorrenti "bil-fatt suesposti inkluz billi l-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija qieghed jonqos milli josserva l-obbligi inposti fuqu espressament bil-ligi, bil-fatt ukoll illi l-istess intimat il-Kummissarju tal-Pulizija ma huwiex qieghed jinvestiga b'mod shih, bil-fatt illi l-intimati l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali qeghdin jippermettu illi provi kif hawn fuq imsemmija jibqghu f'idejn l il-familjari ta' Daphne Caruana Galizia li jistghu jalterawhom jew sahansitra jiddistrugguhom minflok ma jigu preservati, bil-fatt ulterjuri illi bhala konsegwenza l-provi mressqa mill-intimati l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali huma parzjali u selettivi u bil-konsegwenza illi provi essenzjali li jistghu iwasslu sabiex ikun maghruf min seta' kien tassew responsabbli mid-delitt li jinstab akkuzat bih l-esponenti u ghalhekk favorevoli ghalih qeghdin jinzammu mohbija u mistura u l-intimati qeghdin jippermettu li jsir dan qieghed jigi lez u ser ikompli jigi lez il-jedd ghal smigh xieraq tal-esponenti kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta”.

Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:
1. Illi in linea preliminari, l-esponenti jecepixxi n-nuqqas ta' locus standi tal-Kummissarju tal-Pulizija peress li l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda l-lnkjesta Magisterjali bil-konsegwenza li dan l-imharrek ghandu jigi dikjarat bhala tali u liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti eccepixxu n-nuqqas ta' applikabbilita tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan stante li l-proceduri li minnhom qeghdin jillanjaw r-rikorrenti huma proceduri fil-fazi ta' inkjesta magisterjali u ghalhekk ma jinvolvux id-determinazzjoni ta' akkuza kriminali jew dritt jew obbligu civili;

3. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu l-proceduri kriminali in konfront tar-rikorrenti ghadhom fl-istadju tal-kumpilazzjoni, l-esponenti jecepixxu formalment l-intempestivita ta' dina l-azzjoni. Illi gialadarba parti mill-lanjanzi tar-rikorrenti huma mibnija fuq allegat ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-esponenti jirrilevaw illi sabiex ikun jista' jigi determinat jekk ir-rikorrenti garrabx ksur ta' dawn l-artikoli, irid jigi ezaminat il-process kriminali kollu fit-totalita tieghu;

4. Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu l-azzjoni odjerna hija mibnija fuq allegat ksur tad-drittijiet fundamentali garantiti bil-

Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni, ir-rikorrenti qieghed jabbuza mill-process kostituzzjonali stante illi qieghed jadopera procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellu a disposizzjoni tieghu rimedji ordinarji sabiex ihares id-drittijiet pretizi minnu. Illi r-rikorrenti kellu kull possibilita li jintavola rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja ai termini tal-Artikolu 436(3) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u minkejja li dan l-artikolu jirreferi ghall-Qorti Kriminali madanakollu huwa accettat li tali artikolu japplika wkoll ghall-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja u dan stante li l-funzjoni ewlenija u specifika ta' Qorti Istruttorja hija l-gbir u l-konservazzjoni ta' provi u t-tikxif tal-verita. Illi rimedju iehor ordinarju li jista' jirrikorri ghalih irrikorrenti huwa sabiex jitlob Magistrat sabiex ai termini tal-Artikolu 546(4A) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tinfetah Inkjesta Magisterjali jew repert sabiex jekk il-laptop li ghalih issir riferenza fir-rikors promotur jezisti, jigi konservat. L-esponenti ghalhekk jecepixxu n-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji da parti tarrikorrenti u l-esponenti jistiednu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni konvenzjonali taghha ai termini tal-proviso ghall-Artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. Illi fil-mertu, l-allegat ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jibda biex jissottometti li l-artikolu 39(1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li sabiex jigi garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragjonevoli, u jinstema minn Qorti ndipendenti u mparzjali mwaqqfa b'ligi. L-artikolu 6(1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta jmur oltre meta jipprovdi li s-smigh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi;

Illi jezistu salvagwardji bizzejjed fid-dritt procedurali nostrali sabiex jovvjaw ghal kull periklu ta' ntralc ta' smigh xieraq liema salvagwardjiji garantixxu process xieraq u smigh gjust.

Illi inoltre, gialadarba l-ilment tar-rikorrenti huwa bbazat unikament fuq allegazzjoni li jezisti l-laptop li kien jintuza mill-vittma u li allegatament ma kienx analizzat, tali ilment huwa certament totalment ipotetiku. Illi r-rikors tal-lspettur li ghalih jaghmel riferenza r-rikorrenti fir-rikors promotur kien sar sabiex il-Magistrat Inkwerenti jkun konsapevoli ta' nuqqas ta' kooperazzjoni li kien hemm minn xi familjari tal-vittma fil-bidu tal-lnkjesta. Illi wara li dehru xi artikoli fil-gurnali fl-ahhar granet fejn inghad illi ghaddew laptops u hard disks uzati mill-vittma mil-familjari tal-vittma lil xi esperti Germanizi, l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija sabiex ikun hemm serhan il-mohh ta' kulhadd li l-gbir tal-provi kien wiehed integru u komplut kien ipprezenta rikors fejn gab tali fatti li dehru fil-gurnali a formali konjizzjoni tal-Magistrat Inkwerenti sabiex jittiehdu dawk il-mizuri kollha opportuni fic-cirkostanzi. Ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni tal-manipulazzjoni tad-data fil-laptop, l-esponenti jissottomettu li certament li fl-era teknologika tal-llum hadd ma jista' jiddistruggi data minghajr tracci u li kull informazzjoni li qatt ghaddiet jew kienet tezisti xi laptop irrispettivament jekk illum il-gurnata tali data tkunx ghadha vizibbli fl-istess laptop tkun xorta wahda tista' tigi miksuba.

Illi r-rikorrenti donnu qieghed jallega li l-investigazzjoni mhijiex wahda oggettiva u imparzjali u li allegatament mhumiex qeghdin jigu pprezervati l-provi kollha inkluz dawk il-provi li jistghu ikunu favur l-istess rikorrenti bil-konsegwenza li sejjer jigi affetwat id-dritt tieghu fil-process kriminali. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti ma tregix u

dan stante li l-Inkjesta Magisterjali qieghdha ssir sabiex jingabru dawk il-provi kollha li abbazi taghhom il-persuni nvoluti fid-delitt jittellghu quddiem il-qrati kriminali sabiex iwiegbu ghal tali delitt izda dak li jsir f'dan l-ambitu ma jistax jigi mlibbes bhala allegat ksur ta' dritt ghal smigh xieraq. Illi wiehed ma jridx jinsa illi fl-istadju ta' Inkjesta Magisterjali ma jkun hemm l-ebda persuna li hija suspettata tant hu hekk li meta persuna titressaq il-Qorti l-inkjesta tinghalaq. Illi fil-fatt f dan il-kaz l-inkjesta relattiva ghar-rikorrenti nghalqet u l-Magistrat Inkwerenti ghadu ghaddej bl-Inkjesta Magisterjali sabiex jistabilixxi jekk hemmx persuni ohra li potenzjalment jistghu jkunu involuti fit-twettiq tar-reat.

Illi meta l-kumpilazzjoni tigi maghluqa u f'kaz li jinhareg l-Att tal-Akkuza in konfront tar-rikorrenti, l-imhallfin tal-fatt jridu joqghodu fuq il-provi li jkun hemm fil-process u mhux fuq provi ohra li seghtu ingabu. Illi r-rikorrenti jibni l-lanjanza tieghu fuq laptop li bir-rispett kollu fil-fehma tal-esponenti bl-ebda mod mhuwa ser jeffettwa l-element tal-oneru tal-prova li trid tigi sodisfatta mill-Prosekuzzjoni in konfront tal-istess rikorrenti. Illi aktar minn hekk, fih x'fih il-laptop dan bl-ebda mod ma jista' jaffettwa l-provi in konfront tal-istess rikorrenti u dan peress li dak li forsi jkun jista' jaghmel laptop huwa li jitfa' xi xrara ta' dawl fuq possibbli mottiv izda xejn aktar minn hekk. Illi l-provi kollha relattivi ghall-kaz tar-rikorrenti qeghdin jittellghu mill-Prosekuzzjoni u d-difiza qieghdha tinghata l-opportunita li tikkontroezamina kull xhud li qieghed jittella' u li taghmel l-oggezzjonijiet kollha u s-sottomissjonijiet li jidhrilha li ghandha taghmel sabiex iggib il-quddiem id-difiza tal-kaz taghha.

Illi in oltre, skont dak li jipprovdi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u kif provdut fl-insenjament kemm tal-Qrati nostrana kif ukoll tal-Qorti Ewropeja allegazzjoni ta' nuqqas ta' dritt ghal smigh xieraq tirrikjedi li jsir ezami tal-procedura lamentata fit-totalita taghha u mhux li jsir iffikur fuq parti partikolari tal-proceduri ad eskluzjoni tal-partijiet l-ohra. Illi l-ligi procedurali nostrana tahseb ghas-salvagwardji tal-garanziji kollha li jipprovdi ghalihom l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u li ghalhekk il-lament tar-rikorrenti huwa ghal kollox ingustifikat.

6. Illi jsegwi ghalhekk li l-ebda dritt garantit mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma huwa mittiefsa mill-mod kif qieghdha tigi kondotta l-Inkjesta Magisterjali u linvestigazzjoni tad-delitt li ghalih jirreferi r-rikors promotur bil-konsegwenza li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

8. Bl-ispejjez.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel erba' eccezzjonijiet preliminari tal-intimati.

**Ikkunsidrat**

Il-lanjanza tar-rikorrenti hi illi l-Kummissarju tal-Pulizija mhux qed jinvestiga b'mod shih il-qtil ta' Daphne Carunana Galizia billi mhux qed jiehu l-passi biex jigi prodott laptop tal-vittma li minnu jistghu jirrizultaw fatti li jistghu jkunu ta' ghajnuna biex jigu stabbiliti l-fatti wara l-qtil. Ghalkemm sar rikors mill-Kummissarju tal-Pulizija fit-23 ta' Ottubru 2017 biex jigi prodott dan il-laptop il-Qorti naqset li taghti provvedimenti u sa aktar minn sentejn wara s-sitwazzjoni ghadha l-istess. Kien id-dmir tal-Kummissarju tal-Pulizija li tigbor il-provi kollha kemm kontra jew favur il-persuna suspettat ai termini tal-artikolu 356 tal-Kap. 9. Bl-istess mod l-Avukat Generali li ghandu sehem attiv u qed jigi mharrak bhal rapprezentativ tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Inkwirenti ma hu qed jaghmel xejn biex jassigura li jitressqu l-provi kollha shah u mhux parzjali nonostante r-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija fuq citat. L-artikolu 355AD4 tal-Kap. 9 mhux qed jigi osservat f'dan ir-rigward. Dan kollu qed jikser id-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq skont l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Kap. 319.

L-intimati laqghu ghal din l-azzjoni b'erba' eccezzjonijiet preliminari cioe:

1. in-nuqqas ta' locus standi tal-Kummissarju tal-Pulizija billi l-ilment hu fil-konfront tal-Inkjesta Magisterjali;
2. nuqqas ta' applikabilita tal-artikoli tal-ligi citati billi l-proceduri huma fi stadju ta' inkjesta fejn ma hemmx determinazzjoni ta' akkuza kriminali jew dritt jew obbligu civili;
3. l-intempestivita tal-azzjoni billi l-proceduri ghadhom fi stadju ta' kumpilazzjoni u biex jigi determinat ksur il-process kriminali jrid jigi determinat fit-totalita tieghu;
4. abbuz tal-proceduri kostituzzjonali billi r-rikorrenti ghandu rimedji ordinarji disponibbli biex jigi mhares id-dritt tieghu ghal smigh xieraq bl-applikazzjoni tal-artikolu 436(3)(c) u 546(4A) tal-Kap. 9 fejn il-Qorti Istruttorja ghandha l-obbligu bhal Qorti Kriminali li tigbor u tikkonserva l-provi ghat-tikxif tal-verita u jista' jintalab il-ftuh ta' Inkjesta Magisterjali (repert) biex jekk tezisti l-prova tal-laptop, dan jigi konservat.

**L-ewwel eccezzjoni**

Din l-eccezzjoni ma fihiex mis-sewwa peress illi hi l-pulizija li tressaq il-provi fl-atti ta' Inkjesta u billi qed jigi allegat nuqqas fl-obbligi tal-istess li jressaq il-provi kollha quddiem il-Magistrat u l-inerzja tal-istess li jinsisti biex il-prova tal-laptop tigi

provduta, l-istess intimat Kummissarju ghandu obbligu jirrispondi ghal tali allegazzjoni u dan oltre l-obbligu tal-Avukat Generali li jiddefendi l-operat tal-Qorti li wkoll indirettament qed jigi attakkat.

**It-tieni eccezzjoni**

Din l-eccezzjoni wkoll ma fihiex mis-sewwa. Ghalkemm il-proceduri safejn jirrigwarda z-zmien li fih saret it-talba kienu ghadhom fi stadju bikri ta' gbir ta' provi biex jigi determinat hemmx reat u jekk kemmx persuna li trid tirrispondi ghal tali reat, kull nuqqas ta' sustanza tista' tilledi d-dritt tal-eventwali akkuzat ghal smigh xieraq fi stadju ulterjuri tal-proceduri kriminali, fejn ikun hemm akkuza formali fil-konfront tieghu. Id-dritt ghal smigh xieraq ghandu jissusisti f'kull stadju tal-proceduri anki fejn ghadhom qed jingabru l-provi b'mod formali quddiem Qorti Inkwirenti ghax tali provi jistghu l-quddiem ikunu l-bazi tal-akkuza tal-persuna suspettata eventwalment akkuzata. Hu minnu illi f'inkjesta ma hemmx determinazzjoni ta' htija u anqas akkuza pero l-gbir tal-provi hu intiz biex il-Magistrat jaghti konkluzjoni dwar il-fatti li jaghtu lok ghal proceduri kriminali u jekk hemmx min irid jirrispondi ghal tali proceduri. Ghalhekk il-Qorti thoss li persuna suspettata ghandha jkollha l-garanzija kollha ghal smiegh xieraq anki f'dan l-istadju.

**It-tielet u r-raba' eccezzjoni**

Dawn l-eccezzjonijiet ser jigu trattati flimkien. L-intimati jsostnu li ma jistax jigi determinat lezjoni jekk il-process ta' natura kriminali ghadu fi stadju bikri u fi kwalunkwe kaz ir-rikorrenti ghandu rimedji ordinarji fil-kamp kriminali biex jipprotegi d-drittijiet tieghu. Il-fatti li gabu l-quddiem din il-procedura Kostituzzjonali huma tnejn. Fl-ewwel lok f'Settembru 2017 fl-istadju inizjali tal-investigazzjoni tad-delitt mill-pulizija sar rikors quddiem il-Qorti Inkwirenti mill-istess pulizija biex il-Qorti tordna li kull laptop jew mezz iehor ta' informazzjoni personali li l-vittma kellha fil-pussess taghha tingieb u tigi analizzata mill-Qorti billi l-informazzjoni seta' kellha hjiel dwar il-motiv wara l-qtil. Jizdied li l-familjari qed izommu lura milli jaghtu lil pulizija access ghal tali oggetti informatici. Dan ir-rikors baqa', safejn jirrizulta mill-atti, mhux degretat mill-Qorti. Xi xhur wara, fl-2018 dehru rapporti fil-gazzetti lokali li xi oggetti elettronici informatici personali tal-vittma gew mghoddija lill-pulizija Germaniza minn

familjari tal-vittma. L-Ispettur Arnaud, wiehed mill-ufficjali investigativi xehed li ghadhom isegwu dan l-izvilupp fl-isfond tal-Inkjesta Magisterjali, u r-rikors li kien sar.

Fil-fehma tal-Qorti, dawn il-fatti jaghtu ragun lil intimati illi t-talba lil din il-Qorti f'dan l-istadju kif promossa hi prematura ghall-ahhar. L-inkjesta Magisterjali bhala fatt pubbliku hi maghluqa u kienet ghaddejja l-kumpilazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti u ohrajn sakemm xahrejn qabel din is-sentenza meta l-kawza gia kienet differita ghas-sentenza r-rikorrenti u ohrajn tqieghdu taht att ta' akkuza formali.

Fl-istadju li fih sar l-ilment fejn ghadu ma giex determinat ebda htija jew innocenza tar-rikorrenti billi kienu ghadhom qed jingabru l-provi, il-Qorti tqis l-istess rikorrenti mhux ostakolat milli jadixxi lil Qorti biex tuza l-poteri taghha u jekk l-istess Qorti tqis pertinenti, tordna li bil-mezzi legali disponibbli tingieb din il-prova li r-rikorrent iqis relevanti biex jigu stabbiliti l-fatti. In oltre l-proceduri jridu jitqiesu fl-assiem taghhom kollu u f'dan l-istadju ghadu wisq kmieni biex wiehed iqis jekk kienx hemm xi prova li setghet ingiebet u ma ngibietx, u jekk tali nuqqas kienx wahdu kawza ta' lezjoni ta' dritt. Maghdud ma' dan il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma hu qed isofri ebda pregudizzju irrimedjabbli f'dan l-istadju meta hu stess anqas jaf il-kontenut tal-laptop u kif dan il-laptop jew informazzjoni li fih tista' tagevolah. Ghalhekk it-talba odjerna tieghu hi intempestiva oltre kif gia inghad ghandu kull possibilta ta' rimedju ordinarju biex igib il-quddiem it-talba tieghu.

Sa dan l-istadju tal-proceduri, ma jistax jinghad anki remotement illi l-pulizija jew il-Qorti qed jilledu xi dritt ta' smigh xieraq skont l-artikolu 6 tal-kap. 319 u wisq anqas l-artikolu 39 tal-kostituzzjoni meta l-kwistjoni relevata mir-rikorrenti kienet ghadha quddiem il-Qorti li qed tmexxi l-kumpilazzjoni u ma ttiehdet ebda decizjoni li tista tissejjah finali u pregudizjevoli ghal dritt ta' smigh xieraq tar-rikorrenti f'eventwali proceduri kriminali li jwasslu ghal sejbin ta' htija jew innocenza fil-konfront tieghu (ara **Morgan Ehi Egbomon vs Avukat Generali**, Kost 16/03/2011).

Ma' dan il-Qorti izzid li ghalkemm illum hemm att ta' akkuza formali xejn ma josta lir-rikorrenti li jitlob lil Qorti Kriminali tassigura li jitressqu provi li huma ta' sustanza (art. 436(3) Kap. 9), u ghalhekk in-nuqqas ta' tehid ta' rimedji ordinarji ma jistghux jigu

sostitwiti b'kawza Kostituzzjonali (ara **Ivan Zammit vs Kummissarju tal-Pulizija et**, Kost 27/01/2017). Avolja l-kawza saret meta l-proceduri kienu fi stadju ta' inkjesta, dawn ukoll huma proceduri ta' natura kriminali u ma hemm xejn x'josta lil Qorti tal-Magistrati tikkunsidra rikors a bazi ta' dan l-artikolu ghal ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja b'rispett assolut lejn il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuna suspettata. Anki l-artikolu 546(4)A tal-Kodici Kriminali hu ta' ghajnuna ghar-rikorrenti fejn jista' jitlob b'rikors mahluf lil Magistrat tal-Ghassa tiftah repert (Inkjesta Magisterjali) biex il-laptop jigi prezervat.

**Decide**

Ghal dawn il-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-intimati u in linea ma' dak deciz tilqa' t-tielet u r-raba' eccezzjonijiet preliminari tal-intimati u tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra tieghu.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur